MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH ZAMMIT MC KEON

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2014

Rikors Numru. 981/2013

**Fl-Atti tal-Ittra Ufficjali Nru. 2784/13 :-**

**Joseph Mamo (ID 772455M)**

***kontra***

**Joseph Zammit (ID 0078967M)**

**Il-Qorti :**

**<u>Preliminari</u>**

**Rat ir-rikors li Joseph Zammit ipprezenta fl-<u>14 ta` Ottubru 2013</u> a tenur tal-<u>Art 253(e) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta` Malta</u> u li jaqra hekk :-**

*Illi fis-26 ta` Settembru 2013 l-esponenti gie notifikat bl-ittra ufficjali fuq imsemmija, ittra ufficjali bi tliet kambjali annessi maghha u li qed tigi hawn annessa bhala dokument A u li fiha Joseph Mamo nterpellah sabiex ihallsu s-somma ta` €17,237.36 ekwivalenti ghal Lm7,400 oltre l-imghax legali mit-23 ta` Ottubru 2011 kollox kif indikat fl-imsemmija ittra ufficjali u f`liema ittra giet wkoll infurmat li l-istess kambjali kienu ser jigu rezi titolu ezekuttivi jekk huwa ma jurix il-Qorti ragunijiet gravi u validi sabiex jopponi l-esekuzzjoni ta` dawn il-kambjali.*

*Illi l-esponenti jiddikjara li jezistu ragunijiet gravi u validi sabiex huwa jopponi l-esekuzzjoni ta` din il-kambjala u dan skont kif ser jinghad hawn taht :*

1. *Preliminarjament illi l-kambjali huma nulli u bla ebda effett legali stante illi huma lkoll mahruga liri Maltin denominazzjoni li ilha li waqfet l-ezistenza taghha ghal diversi snin u dana billi l-kambjalijiet kollha kemm huma kienu datati 23 ta` Ottubru 2011 snin wara illi l-lira Maltija ma baqghatx tezisti izjed.*

2. *Illi inoltre, u minghajr pregudizzju ghall-paragrafu (1.) supra, l-esponenti jissottometti illi ghal dak li ghandu jirrigwarda l-karozza bin-numru ta` registrazzjoni BBA446 vettura tat-tip Mercedes tas-snin sittin l-ebda ammont mhu dovut mill-esponenti lill-interpellant billi din il-vettura qatt ma giet ikkonsenjata lill-esponenti.*

*3. Illi inoltre u minghajr pregudizzju ghal dak kontenut fiz-zewg paragrafi precedenti l-istess jinghad ghall-kambjala ta` Lm1,100 rigwardanti l-vettura bin-numru ta` registrazzjoni JBE013 tal-ghamla Triumph 13/60 ukoll taz-zmien sittinijiet jew l-ewwel snin tas-sebghinijiet, l-ebda ammont mhu dovut mill-esponenti lill-interpellant billi din il-vettura qatt ma giet ikkonsenjata lill-esponenti.*

*4. Illi inoltre u minghajr pregudizzju ghal dak kontenut fit-tliet paragrafi precedenti l-kambjala rigwardanti l-vettura bin-numru ta` registrazzjoni VOD24LC tat-tip Mitsubishi Pajero u liema kambjala hija ghas-somma ta` Lm3,500 din is-somma ilha li giet imhallsa kollha kemm hi mill-esponenti lill-interpellant kif jigi pruvat dettaljatament waqt it-trattazzjoni ta` dan ir-rikors.*

*Ghaldaqstant l-esponenti jitlob bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti tissospendi l-esekuzzjoni tal-kambjali fuq imsemmija u annessi mal-Ittra Ufficjali tas-17 ta` Settembru 2013.*

Rat id-dokumenti li kienu annessi mar-rikors.

**Rat ir-risposta li Joseph Mamo pprezenta fid-<u>29 ta` Novembru</u> <u>2013</u> u li taqra hekk :-**

*Illi l-Artikolu 123 tal-Kodici tal-Kummerc jistipula :*

*"a bill of exchange must be dated, and must specify the place where it is drawn, the sum to be paid, the name of the person who is to pay, and the name of the person to whom or to whose order payment is to be made, the time and place of payment, and the value given, whether in cash, in goods, in account, or in any other manner; and must be signed by the drawer".*

*Il-valur specifikat fuq il-kambjala kien f`Liri Maltin u ghalkemm dan ma kienx legal tender fl-2011, ma jirrendix il-kambjala nulla stante illi l-valur jista` jigi stipulat fi kwalsiasi forma u fi kwalsiasi currency, legal tender o meno, basta li l-partijiet qed jifhmu dak li bih huma kienu qed jikkontrattaw.*

*Illi hafna mill-kontrattazzjoni partikolari f`bini u f`affarijiet ohra isir f`Liri Maltin sal-gurnata tal-lum.*

*Illi bla dubju, l-partijiet fehmu dak li huma kienu qed jikkontrattaw u nizlu l-valur f`Liri Maltin, flus li kienu jikkontrattaw bihom tul hajjithom kollha qabel l-2008 tant illi skond il-gurisprudenza taghna u skond il-kliem "value received" ma jispecifikax it-tip tal-valur ricevut, jekk hux legal tender jew le, u dan kif gie awtorevolment spjegat mill-Avukat Philip Farrugia Randon, fil-ktieb tieghu Bills of Exchange – Judgments a pagina 159 ta` l-istess ktieb, li kopja taghha qeghda tigi annessa ma din in-nota. Huwa jkompli jghid illi :*

*"However, in spite of this, the bill is not annulled when it is proved to the Court`s satisfaction that a value had in fact been given. Furthermore, when dealing with endorsements, the law does not impose any obligation on the endorser to indicate the value when endorsing. The Court decided that in actual fact a value had been given. ("Attesocche` sebbene .... la cambiale deve esprimere il valore somministrato in moneta, im merci, in conto, od in qualunque altra maniera; e sebbene le parole "valuta ricevuta" non esprimono la specie della valuta ricevuta, non di meno la cambiale non diviene nulla e senza effetto obbligatorio, quando risulta a soddisfazzione della Corte che le valute siano state somminsitrate ... Attesocche` la detta Ordinanza .... non impone alcun dovere al girante di esprimere la valuta nella girata") – VIDE Sentenza deciza fis-26 ta` Jannar, 1874 fl-ismijiet Dr. Guglielmo Rapinett vs. Alfonso Terreni – Vol. VII – Page 25.*

*Illi ghalhekk gja la darba fil-kambjala kien hemm imnizzel il-valur, munita li l-partijiet kienu jafu x`kien l-import taghha u ftehmu u fehmu li Joseph Zammit kellu jaghti lil Joseph Mamo l-valur ta` LM7,400 ekwivalenti ghal €17,237.36 bir-rata ufficjali mahruga mill-Bank Centrali ta` Malta, ma jistax jinghad illi l-kambjala hija nulla*

*stante illi l-valur tpogga f`manjera li huma ftehmu fuqha u kienu jafu xi tfisser u li ghalhekk tkopri d-dispost tal-Ligi ossia "kwalsiasi manjiera ohra" kif stipulat fl-Artikolu 123 tal-Kodici Kummercjali li l-partijiet kienu jafu u li l-Qorti taf x`riedu jiftehmu bejniethom il-partijiet u ghandha tkun sodisfatta li huma effettivament ftehmu sew fuq ir-rabta ta` bejniethom.*

*Illi kulhadd jaf illi LM7,400 jekwivalu ghal €17,237.36 u ghalhekk il-Qorti ghandha tkun sodisfatta li gie pruvat illi l-valur gie moghti lil Joseph Zammit ghal dak l-ammont mitlub fl-ittra ufficjali.*

*Illi l-Prim`Awla tal-Qorti Civili fil-kawza deciza fit-30 ta` April, 2012, Rikors Guramentat Nru: 135/12JA fl-ismijiet Adrian Warrington vs. Josef Galdes, gie deciz "illi l-ewwel kawzali tar-rikorrenti hija li fuq id-dokumenti in "kwistjoni hemm nieqes element essenzjali previst ghall-forma taghha." Ir-rikorrenti jirreferu ghal "valur moghti fi flus f`merkanzija, f`kont jew kull mod iehor". Madankollu huwa stess jistultifika dan kollu meta fl-istess rikors indika bi precizjoni l-ammonti ta` flus li ghalihom hemm import taghhom fil-kambjali. Din il-lanjanza ghalhekk hija manifestament infondata."*

*Illi ghalhekk ma hemm l-ebda validita` formali tal-kambjali stante illi l-valur fil-kambjala f`Liri Maltin, jissodisfa d-dispost tal-Ligi ossia fi "kwalsiasi manjiera ohra" u ghalhekk il-Qorti ghandha tkun sodisfatta illi l-partijiet fehmu ben tajjeb il-valur li taw fil-kambjala ghax kienet il-munita li*

*kienu ikkuntrattaw bihom tul hajjiethom kollha li ghandha wkoll ekwivalenza fl-Ewro kif mahrug mill-bank centrali bir-rata ta` LM0.4293.*

*Illi l-Qrati taghna dejjem irritenew illi f`azzjoni kambjarja huma permessi biss eccezzjonijiet dwar il-validita` formali tal-kambjala in kwantu li tkun prima facie monka mill-elementi kostituttivi essenzjali taghha kif trid il-Ligi. VIDE George Zahra vs. Alfred Borg – deciza mill-Qorti tal-Kummerc fit-28 ta` April, 1995, kif ukoll fis-sentenza Joseph Gauci et vs. Jacqueline Galea nomine – deciza mill-Prim`Awla tal-Qorti Civili fl-24 ta` Novembru, 2010, fejn il-Qorti irriteniet illi meta f`kawza fi hlas ta` somma li tirrizulta minn kambjala, jinghataw eccezzjonijiet ta` natura li ma tistax titwaqqaf il-kawza u l-*

*likwidazzjoni tal-kontijiet bejn il-partijiet tiehu zmien, il-konvenut ma jistax jirrifjuta li jhallas.*

*Inoltre fil-kawza Godwin Navarro vs. GT Shirts Company Limited deciza mill-Prim`Awla tal-Qorti civili fil-25 ta` Mejju, 2011, il-Qorti osservat illi l-kwistjonijiet rigwardanti d-difetti fil-merkanzija li xtraw il-konvenuti minghand l-attur, huma rrelevanti ghal din il-kawza.*

*Illi ghalhekk gja ladarba l-aspetti formali tal-kambjala huma sodisfatti, ma tista ssir l-ebda indagini fuq il-mertu tal-kambjali, kif jippretendi illi jista` jsir ir-rikorrent Joseph Zammit.*

*L-unika ezami li trid taghmel il-Qorti huwa biss dak ta` prima facie u dan ghaliex il-mertu kollu jigi investigat fil-kawza proprja bejn il-partijiet u ghalhekk hemm limitazzjoni sinjifikanti fl-ezami li trid taghmel il-Qorti f`dan l-istadju u dan tenut kont li hawn si tratta dejjem ta` procedura preliminari li ghad qed tistenna l-ezitu finali tal-kawza proprja. VIDE Camilleri vs. Gove et – deciza mill-Prim`Awla tal-Qorti Civili fl-10 ta` Mejju, 2001 u Emanuel Sammut vs. Josephine Sammut – deciza fil-5 ta` Gunju, 2003.*

*Illi f`dawn ic-cirkostanzi, gja la darba ma hemm l-ebda nullita fuq il-forma tal-kambjala peress illi l-Ligi tistipula illi l-valur tal-kambjala jista` jigi moghti fi kwalsiasi manjiera ohra u mhux bilfors b`dak li hu legal tender jew fil-valuta korrenti, allura ma jistax jinghad illi Joseph Zammit, m`huwiex debitur ta` l-imsemmi Joseph Mamo u r-ragunijiet l-ohra kollha moghtja mir-rikorrent Joseph Zammit, ghandhom jigu skartati minn din il-Qorti stante illi m`humiex difetti dilatorji fuq il-forma tal-kambjala u ghalhekk l-ebda eccezzjoni ohra ma tista tinghata mill-istess Joseph Zammit ghax il-kambjala ghandha hajja indipendenti minn kwalsiasi debitu u minn kwalsiasi transazzjoni kummercjali ohra u dan kif gie deciz fil-kawza Charles Gatt vs. Joseph Vassallo Gatt - Deciza mill-Qorti tal-Kummerc fil-15 ta` Novembru, 1993, fejn il-Qorti rriteniet illi "appena kambjala tigi ammessa, tigi kreata obbligazzjoni ad hoc ghal kollox indipendenti u separata minn kwalunkwe obbligazzjoni li setghet tipprecedieha"*

*Illi fis-sentenza deciza mill-Prim`Awla tal-Qorti Civili, fil-kawza Giovanni Briffa vs. Ronald Azzopardi – deciza fil-5 ta` Frar, 2008, din il-Qorti kif preseduta awtorevolment iddecidiet :*

*"Illi minn qari akkurat ta` l-imsemmi sezzjoni jidher car li hemm zewg bazi ghaliex l-ezekuzjoni tal-kambjala tista` tigi sospiza u cioe` li l-firma ma tkunx tal-persuna jew mandatarju taghha u sekondarjament fejn dik il-persuna tressaq ragunijiet ohra gravi u validi ghall-oppozizzjoni ta` l-ezekuzzjoni. F`dan il-kaz il-persuna li tezigi l-hlas tkun trid tipprocedi b`kawza skond id-disposizzjoni tal-Kodici tal-Kummerc. Il-Ligi ma tispecifikax x`inhuma r-ragunijiet gravi u fil-fehma tal-Qorti dan ma sarx b`xi nuqqas tal-legislatur izda intenzjonatament ghax il-legislatur ried ihalli fid-deskrezzjoni tal-Qorti f`liema kazijiet ikollha quddiemha l-Qorti ghandha tilqa` t-talba jew le. Certament li r-raguni valida m`ghandhiex tkun wahda frivola ghax kif tghid l-istess ligi hlief fil-kaz tal-firma r-raguni trid tkun gravi u valida u dan jaghmilha cara li persuna ma tistax kapriccozament topponi tali ezekuzzjoni".*

*Illi din is-sentenza giet konfermata minn l-istess Qorti, deciza minn din l-Onorabbli Qorti kif preseduta, fil-kawza Henry Depasquale vs. Publishers Enterprises Group (PEG Ltd) fis-16 ta` Dicembru, 2008.*

*Illi skond William Hedley fil-ktieb tieghu Bills of Exchange and Bankers Documentary Credits – Third Edition - a pagina 43, fejn jitkellem fuq "Defects in Form" jghid hekk :*

*"An inchoate bill is a bill lacking in some material particular.*

*Everything depends upon what part of the bill is not complete as to whether its validity as a bill is affected. A bill is not invalid by reason only that it is not dated, or that it does not specify the value given for it, or that any value has been given, or that it does not specify the place where it was drawn or the place where it is payable (Bills of Exchange Act 1882, s. 3(4)).*

*Where a signature on a blank piece of paper is delivered by the drawer in order that it may be converted into a bill it operates, prima facie, as an authority to complete it for any amount (Before the Finance Act 1970 all bills had to bear stamp duty, usually at ad valorem rates. If the blank piece of paper was stamped, the holder could – in the circumstances indicated in the text- complete the bill for any amount the stamp would cover. Schedule 8, PartV of the 1970 Act has removed from s.20(1) of the 1882 Act the word "stamped" from the first line of the subsection and the words "the stamp will cover" from lower in the subsection. The effect of this is that the delivery of a blank piece of paper under s. 20 is authority to complete it for any amount.*

*Similarly, when a bill is wanting in a material particular, a holder has, prima facie, authority to fill up the omission in any way he thinks fit (Bills of Exchange Act 1882, s. 20(1). See Haseldine v. Winstanley (1936) 1 All ER 137; cf. Baxendale v. Bennett (1873) 3 QBD 525.*

*If an inchoate instrument, after completion, is to be enforceable against any person who became a party before its completion, it must be filled up within a reasonable time of of delivery (Griffith v. Dalton (1940) 2 KB 264) and stricktly in accordance with the authority given. However, even if this is not done, and the bill after completion comes into the hands of a holder in due course, it will be valid and effective for all purposes. (Bills of Exchange Act 1882, s. 20(2))."*

*Multo magis meta l-valur kien imnizzel fil-kambjala f`Liri Maltin li huma ekwivalenti ghal Ewro indikati fil-kambjala, minkejja li ma kienitx il-legal tender, dan jissodisfa d-dispost tal-Ligi skond l-Artikolu 123 tal-Kodici Kummercjali u ghalhekk ma jistax jitqies li l-kambjala hija invalida ghaliex anki kieku il-kambjala "it is not dated or that it does not specify the value given for it, or that any value has been given or that it does not specify the place where it was drawn or where it is payable", dan ma jirrendiex il-kambjala nulla u ghalhekk it-talbiet tar-rikorrent Joseph Zammit, ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra tieghu ghax ma hemm l-ebda nullita fil-kambjala u ghandu jigi kkundannat ihallas l-import tal-kambjala bl-ispejjez kontra tieghu.*

Rat in-nota ta` sottomissjonijiet li pprezenta Joseph Zammit fid-29 ta` April 2014.

Semghet is-sottomissjonijiet bil-fomm li ressqu d-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tat-22 ta` Mejju 2014.

Rat id-digriet taghha moghti fl-istess udjenza fejn halliet il-procediment ghal provvediment ghal-lum.

## II. **Dritt**

**L-Art 253 tal-Kap 12** jaghti elenku tat-titoli esekuttivi. Fost it-titoli esekuttivi hemm dak indikat fil-paragrafu (e) tad-disposizzjoni li jaqra hekk :

*(e) kambjali u promissory notes maħruġa skont il-Kodiċi tal-Kummerċ :*

*B'dan iżda illi l-qorti kompetenti skont il-valur tal-kambjala jew promissory note tista`, b'digriet li ma jkunx appellabbli, tissospendi l-eżekuzzjoni ta' dik il-kambjala jew promissory note kollha jew f'parti minnha u sew suġġett għal garanzija kif ukoll mingħajrha, fuq rikors tal-persuna li tkun qed topponi l-eżekuzzjoni ta' dik il-kambjala jew promissory note kif fuq imsemmi, u li għandu jsir fi żmien għoxrin jum min-notifika tal-ittra uffiċjali li tintbagħat biex tirrendi l-istess kambjala jew promissory note esegwibbli, minħabba illi l-firma fuq dik il-kambjala jew promissory note ma tkunx tagħha jew tal-mandatarju tagħha jew fejn dik il-persuna tressaq raġunijiet oħra gravi u validi biex topponi dik l-eżekuzzjoni u f'dak il-każ biex persuna tesiġi l-ħlas ta' dik il-kambjala jew promissory note tkun trid tipproċedi b'kawża skont id-disposizzjonijiet tal-Kodiċi tal-Kummerċ.*

## III. **Sottomissjonijiet**

It-talba ghas-sospensjoni tal-ezekuzzjoni tat-tliet kambjali in kwistjoni saret minn Joseph Zammit ("<u>ir-rikorrent</u>") ghaliex – skond hu – hemm ragunijiet gravi u validi ghaliex ghandha tkun akkordata s-sospensjoni.

Fin-nota ta` sottomissjonijiet tieghu, ir-rikorrent jirreferi ghall-kwistjonijiet li dritt li ressaq Joseph Mamo ("<u>l-intimat</u>") fir-risposta tieghu sabiex ma jkunx hemm sospensjoni.

Dwar ir-riferenza li ghamel l-intimat ghall-**<u>Art 123 tal-Kap 13</u>**, u cioe` illi l-valur jew somma stipulata fuq kambjala tista` tkun ta` kwalunkwe munita jew legal tender, basta li l-partijiet jifhmu dak li bih huma qeghdin jikkuntrattaw, ir-rikorrent jikkontendi r-riferenza ta` l-intimat hija bla bazi.

Jirreferi ghall-**<u>Art 128(1) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea</u>** li jghid –

*" Il-Bank Centrali Ewropew ghandu jkollu d-dritt eskluziv li jawtorizza l-hrug ta` karti ta` flus ta` l-euro fl-Unjoni. Il-Bank Centrali Ewropew u l-banek centrali nazzjonali jistghu johorgu dawn il-karti tal-flus. Il-Karti tal-flus li jinhargu mill-Bank Centrali Ewropew u mill-banek centrali nazzjonali jkunu* ***<u>l-unici karti tal-flus bi status ta` valuta legali</u>*** *fl-Unjoni."* (enfasi tal-qorti)

Skond l-istess Zammit, l-**<u>Art 9 tar-Regolament tal-UE Nru 974/98</u>** tat-3 ta` Mejju 1998 li kien jittratta l-introduzzjoni tal-Ewro jghid :-

*"Banknotes and coins denominated in a national currency unit shall retain their status as legal tender within their territorial limits as from the day before the euro adoption date in the participating Member State concerned."*

Bl-istess mod skond dak ir-Regolament strumenti legali ohra ta` hlas ma jibqalhom l-ebda effett wara l-introduzzjoni tal-ewro. Id-definizzjoni ta` "*legal instruments*" hija –

*"legislative and statutory provisions, acts of administration, judicial decisions, contracts, unilateral legal acts, payment instruments other than banknotes and coins, and other insturments with legal effect"*

Inoltre l-Art 14 ta` r-Regolament ighid illi –

"*Where, in legal instruments existing on the day before the cash changeover date, reference is made to the national currency units, these references shall be read as references to the euro unit according to the respective conversion rates."*

Ghalhekk skond Zammit, dawk l-istrumenti legali ta` hlas, bhal ma hija kambjala, li kienu stipulati bil-munita nazzjonali, huma validi biss jekk dawn kienu jezistu **qabel** il-gurnata tal-introduzzjoni tal-munita Ewro. Dan issib sostenn anke fil-Art.6(2) tal-Avviz Legali 441 tal-2007 :-

"*Meta f`xi instrumenti legali li jkunu jezistu fi tmiem il-perjodu ta` çirkolazzjoni taz-zewg muniti ssir referenza ghal-Lira Maltija, dawk ir-referenzi ghandhom jinqraw u jiftiehmu bhala referenza ghall-euro skond ir-rata ta` konverzjoni li tkun tapplika."*

L-Ewro kienet introdotta f`dawn il-Gzejjer b`effett mill-1 ta` Jannar 2008. Fil-kaz ta` Malta, ma kienx hemm tnehhija gradwali tal-munita Maltija ; li kien hemm kien permess mill-UE li Malta tibqa` tuza l-Lira Maltija sal-31 ta` Jannar 2008.

Skond Zammit, il-kambjali in kwistjoni saru f`Ottubru 2011 u allura wara li l-Ewro kien sar il-valuta legali tal-pajjiz. Ghalhekk il-kambjali mhux biss huma rregolari, izda huma vizzjati b`illegalita – kawza illecita – u dan anke fid-dawl illi

*"legislazzjoni ta` natura fiskali hi minnha nnifisha ta` ordni pubbliku in kwantu hu prezunt li saret fl-interess komuni"* ("**Perit Raymond Vassallo vs Anthony Cushcieri et"** deciza mill-Qorti ta` l-Appell fil-14 ta` Novembru 1996). Inoltre *ex lege* il-ligi tal-UE, b`mod specjali it-Trattati u r-Regolamenti, jissuperaw kwalunkwe ligi domestika. Skond Zammit, li kieku kellu jkun permess negozju bi kwalunkwe munita, specjalment dawk inezistenti, l-integrita` tas-Suq Komuni Ewropew kien jisfuma fix-xejn.

Dwar il-mertu tal-kambjali, ir-rikorrent isostni li l-vetturi BBA 446 u JBE 013 ma gewx konsenjati. Ighid illi huwa konxju li fil-bicca l-kbira taghha, il-gurisprudenza tal-qrati taghna tghid illi l-kambjali jassumu dimensjoni awtonoma fis-sens li jaghtu lok ghal obbligazzjoni *de nuovo*, u li l-kambjali jistghu jigu opposti minhabba xi difett materjali fuq id-dokument innifsu. Skond Zammit pero` dak ma jfissirx illi kull persuna li tipprometti li thallas permezz ta` kambjala jew *promissory note* m`ghandha l-ebda jedd li tqajjem eccezzjonijiet personali ghaliha rigwardanti l-kambjala.

Jirreferi ghall-**Art 198 tal-Kap 13** li jaqra hekk :-

*1) L-eċċezzjonijiet li huma persunali għall-pussessur tal-kambjala ma jistgħux idewmu l-ħlas tagħha, jekk ma jkunux likwidi u li jistgħu jinqatgħu malajr fil-kawża li tkun miexja.*

*(2) Jekk dawn l-eċċezzjonijiet ikunu jinħtieġu eżami fit-tul, is-smigħ tagħhom isir f`kawża għaliha, u, sadanittant, il-kundanna għall-ħlas tal-kambjala, bil-garanzija jew mingħajrha, skont ma jidhrilha l-qorti, m`għandhiex tkun imdewma.*

Jirreferi ghas-sentenza ta` din il-Qorti (**PA/TM**) tat-18 ta` Frar 2004 fil-kawza "**Bank of Valletta plc vs Carmel Ray Micallef**".

Zammit jghid li skond il-ligi taghna, il-konsenja ta` vettura ma tistax ssir hlief bi transfer relattiv. Ghalhekk igib l-argument illi kontraent ma jistax, tenut kont tal-fatti

ta` dan il-kaz, jenforza d-drittijiet tieghu ta` hlas jekk huwa jkun ghadu inadempjenti fl-obbligazzjonijiet tieghu – fosthom il-konsenja tal-vettura mibjugha. Skond ir-rikorrent, dan id-dmir ta` investigazzjoni tal-obbligazzjoni **principali** (enfasi tal-qorti) jiehu mansjoni aktar gravi, ladarba jirrizulta li huwa kien hallas ghal wahda mill-vetturi u kwindi bl-ezekuzzjoni tal-kambjala relattiva se jispicca jithallas darbtejn.

Ghalhekk Zammit jikkontendi li jirrizultaw *prima facie* ragunijiet serji u gravi sabiex ikun hemm s-sospensjoni tal-ezekuzzjoni.

## IV. **Konsiderazzjonijiet**

Fil-kaz tal-lum, jirrizulta li bin-notifika lir-rikorrent ta` l-ittra ufficjali tas-26 ta` Settembru 2013, l-intimat irrenda ezegwibbli favur tieghu u kontra r-rikorrent l-import ta` tliet kambjali li mmaturaw, u li kienu ffirmati u accettati mir-rikorrent. Skond il-prattika kostanti tal-qrati taghna, ghandu jigi ordnat il-hlas tal-kambjali. Fis-sentenza taghha tal-4 ta` Frar 1907 fil- kawza "**Francesco Zammit noe vs Paolo Scicluna noe**" il-Qorti tal-Kummerc qalet hekk – *"secondo la pratica di questi tribunali il pagamento di una cambiale accettata e scaduta viene sempre ordinato quando le eccezzioni siano tali da richiedere lunga idagine sotto quella cautela che il prudente arbitrio della Corte credesse opportuno".* Dan il-pronunzjament jirrifletti dak li jghid l-**Art 198(2) tal-Kap 13**, u cioe` illi jekk ikun hemm eccezzjonijiet kontra l-hlas tal-import ta` kambjali, u dawk l-eċċezzjonijiet *ikunu jinħtieġu eżami fit-tul, is-smigħ tagħhom isir f'kawża għaliha, u, sadanittant, il-kundanna għall-ħlas tal-kambjala, bil-garanzija jew mingħajrha, skont ma jidhrilha l-qorti, m'għandhiex tkun imdewma.* Din id-disposizzjoni ghadha fis-sehh minkejja dak illi jghid il-proviso tal-**Art 253(e) tal-Kap 12** u ghalhekk il-Qorti ghandha taghtiha il-qies dovut meta tkun sejra taghti provvediment skond il-proviso tal-**Art 253(e) tal-Kap 12**.

Skond l-**Art 199 tal-Kap 13**, *ma tistax issir oppożizzjoni għall-ħlas ta' kambjala ħlief fil-każ ta' telf tal-kambjala jew ta' falliment tal-pussessur*. Dan premess, skond il-gurisprudenza, il-Qorti ghandha tinvestiga eccezzjonijiet li jolqtu l-ezistenza stess tal-kambjala. Fis-sentenza taghha tal-25 ta` Frar 2004 fil-kawza "**Integrated Electronics Limited vs Goldkraft Limited**" il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) qalet hekk -

*Il-gurisprudenza mbaghad weriet ukoll illi l-Qorti ghandha d-dover tinvesti eccezzjonjijiet li jolqtu l- ezistenza tal-kambjali stess. In partikolari dawk rigwardanti l-kunsens ta` l-accettant, ad exemplum, id-dolo (Vol* ***XXXIV pIII p845;*** *"Lorenzo* ***Ceci –vs- Alfred J. Baldacchino noe,*** *Qorti Kummerc, 8 ta` Ottubru 1974). Eccezzjonijiet ohra ammessi li jinstemghu u jigu trattati fl-istess gudizzju tal-azzjoni kambjarja huma l-uzura (Vol* ***XXIX pIII p319)*** *u anke l-kompensazzjoni (Vol* ***XXX pII p499),*** *basta li din tkun tista` tigi definita malajr.*

**Billi fit-talba ghas-sospensjoni tal-ezekuzzjoni tal-kambjali qeghda tigi kontestata l-validita` tal-kambjali, apparti konsiderazzjonijiet ohra, il-Qorti sejra, ghall-fini tal-provvediment tal-lum, tibda billi tistharreg l-pretensjoni ta` nullita sollevata mir-rikorrent fil-paragrafu markat 1 tar-rikors.**

Il-Qorti tirreferi ghall-**Art 116 tal-Kap 13** li jaqra hekk :-

*Meta l-flus imsemmijin f`kuntratt m`għandhomx kors legali f`Malta u ma jkunx ġie msemmi l-kambju tagħhom, il-ħlas jista` jsir bil-flus tal-pajjiż skont kif ikun miexi l-kambju "a vista", dak in-nhar li jagħlaq il-ħlas, u fil-lok miftiehem għall-esekuzzjoni tal-obbligazzjoni, u, jekk f`dak il-lok ma jkunx hemm kors tal-kambju, skont ir-rata tal-kambju tas-suq l-aktar fil-qrib, kemm-il darba fil-kuntratt ma jkunx hemm il-klawsola "in effettivi" jew xi oħra bħalha.*

Tirreferi wkoll ghall-**Art 123 tal-Kap 13** li jghid :-

*Il-kambjala għandu jkun fiha d-data, il-lok fejn tiġi miġbuda, is-somma li għandha titħallas, l-isem ta` dak li għandu jħallas, u l-isem ta` dak li lilu jew għall-ordni tiegħu għandu jsir il-ħlas, iż-żmien u l-lok tal-ħlas, u l-valur mogħti fi flus, f`merkanzija, f`kont, jew f`kull mod ieħor, u għandha tkun iffirmata minn min jiġbidha.*

Tirreferi wkoll ghall-**<u>Art 183 tal-Kap 13</u>** li jaqra hekk :-

*Il-kambjala għandha titħallas bix-xorta ta` flus imsemmija fiha. Iżda, jekk ix-xorta ta` flus imsemmija fil-kambjala hija immaġinarja jew m`għandhiex kors legali fil-lok li fih għandu jsir il-ħlas, u fil-kambjala ma jkunx hemm imsemmi l-valur ta` dik ix-xorta ta` flus, il-ħlas isir bil-flus li għandhom kors legali fil-lok tal-ħlas, f`somma li taqbel mal-valur tal-flus imsemmija fil-kambjala fiż-żmien li din tagħlaq, kemm-il darba t-traent, bl-użu tal-klawsola "in effettivi" jew ta` klawsola oħra bħalha, ma jkunx wera r-rieda li l-ħlas isir fix-xorta ta` flus minnu msemmija, basta li din ix-xorta ta` flus ma tkunx immaġinarja.*

Fin-noti tieghu dwar "**<u>The Law of Bills of Exchange, Notes and Cheques</u>**" il-Professur Joseph Micallef ighid hekk fil-pagna 105-106 dwar *(iv) The sum to be paid* f`kambjala :-

*This constitutes the subject of the obligation arising from a bill of exchange. The sum must be certain in cash, and must represent the fiduciary value of the bill. The sum is to be clearly specified as its amount and kind of currency in which payment is to be made.*

Wara li jirreferi ghall-<u>Art 239 (llum l-Art 183) tal-Kap 13</u>, il-Professur_Micallef ighid hekk :-

*The problem here is whether the payee or the holder should be entitled to the currency indicated in the bill. It is a principle of the law of bills of exchange that the holder should know the qualities of the bill merely by reading it and he should not subject himself to any internal regulations regarding exchange rates. The bill has a litteral quality and the fixed amount to be paid should result from the document itself. The expression of the sum should not be by generis references ; so that one should not state for example "the amount that you owe me" or "the amount shown on my invoice". Such expressions are not allowed. The amount due on the bill must be for a fixed sum to be paid on maturity and not payable by instalments.*

Il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell (Sede Kummercjali) fil-kawza "**Dr. Guglielmo Rapinett vs Alfonso Terreni**" li kienet deciza fis-26 ta` Jannar 1874 fejn fir-rigward tal-Art 123 tal-Kap 13 inghad hekk :-

*"Attesocche sebbene secondo la disposizione dell`articolo 106* (illum 123) *dell`Ordinanza No XIII del 1857, la cambiale deve esprimere il valore somministrato in moneta, in merci, in conto, od in qualunque altra maniera ; e sebbene le parole "valuta ricevuta" non esprimono la specie della valuta ricevuta,* ***non di meno la cambiale non diviene nulla e senza effetto obbligatorio, quando risulta a soddisfazione della Corte che le valute siano state somministrate****."*

Fil-Vol 10 Pag 372 ta` "**The Word of the Court**" pubblikat mill-Av. Philip Farrugia Randon hemm riferenza ghal sentenza moghtija mill-Qorti tal-Kummerc fit-22 ta` Mejju 1975 fil-kawza "**Dr. Albert Samuel Grech noe vs Anthony Ellul Sullivan noe**". Hemm il-Qorti rrilevat illi jekk il-kambjala tindika li l-pagament ghandu jsir f`valuta li mhijiex il-kors legali fil-lok tal-hlas, il-pagament ghandu jigi effettwat fil-kors legali tal-lok tal-hlas, f`ammont li jikkorrispondi ghal valur tal-flus specifikat fil-kambjala fiz-zmien li din taghlaq.

Leone Bolaffio ighid hekk fil-"**Codice di Commercio Commentato**" (Vol II Pag 217) dwar l-Art 39 tal-Kodici Taljan li hija disposizzjoni identika ghall-Art 116 tal-Kap 13 :-

*In conclusione, l`art 39 vuol dir questo :- sebbene la cosa dovuta sia la moneta estera, tuttavia (se non esiste la clausola `effettivo` od altra equivalente) il debitore e` autorizzato a pagare la somma corrispondente in moneta italiana, ritenendosi che la indicazione della moneta estera siasi fatta unicamente per determinare la somma dovuta ; per fissare l`equivalente in moneta italiana si distingue se la moneta estera indicata ha o no corso legale o commerciale in Italia ; se ha corso legale (e` cioe` per convenzione internazionale e` considerata come moneta legale) o corso commerciale (perche` oggetto di ordinarie contrattazioni nel luogo del pagamento), il debitore puo` pagare in moneta italiana al corso risultante dal listino di borsa del luogo del pagamento, amenoche il corso non sia stato preventivamente fissato nel contratto ; se invece la moneta non e quotata in borsa, perche non ha corso legale o commerciale nel regno, ne e fissata contrattualmente, il debitore, che non vuole o non puo` prestare la moneta indicata, paga la somma dovuta valutando la moneta estera, che la determina, secondo il corso di una*

*cambiale a vista dalla piazza italiana del pagamento alla piazza regolatrice il cambio nel paeses estero a cui la moneta appartiene."*

Imbaghad fil-Pag 227 (u dan huwa rilevanti ghall-kaz tal-lum) ighid :-

*"Suppongasi il caso d`impossibilita assoluta di prestare la moneta promessa, ad es. per la sua totale demonetazione. Sara il debitore per cio sciolto da ogni obbligo ? Rigorosamente ragionando, lo sarebbe. Pero la legge non lo consente, perche sostanzialmente, un debito monetario o e o si risolve in un debito pecunario. Soltanto le monete che erano `in obligatione` si riteranno `in solutione` ... **Il debitore percio` paghera con la moneta legale del giorno e del luogo del pagamento in relazione al valore che la moneta aveva nel giorno dell`assunzione del debito**."*

**Riferibbilment ghall-paragrafu markat 1 tar-rikors**, il-Qorti hija tal-fehma illi d-disposizzjonijiet tal-Kap 13, il-mod kif gew applikati fil-gurisprudenza tal-qrati taghha, u l-mod kif kienu mfissra fid-dottrina, ghadhom ighoddu u ma ghandhomx jitwarrbu, lanqas fis-sitwazzjoni ndikata mir-rikorrent, nonostante r-riferenza tar-rikorrent ghad-disposizzjonijiet tat-Trattat tal-UE u tar-Regolament 974/98 tal-UE. Fil-kaz tal-lum, il-Qorti tghid illi ghalkemm fil-kambjali s-somma li kellha tithallas kienet indikata f`Liri Maltin, meta fid-data tal-hrug u fid-data tal-iskadenza tal-kambjali l-Lira Maltija ma kenitx ghadha *legal tender* go Malta, ghax fl-1 ta` Mejju 2008 il-valuta ta` Malta sar l-Ewro, dak il-fatt ma jgibx in-nullita` tal-kambjali. Skond l-Art 123 tal-Kap 13, *il-valur* tal-kambjala ghandu jkun *moghti fi flus, f`merkanzija, f`kont jew f`kull mod iehor*. Fil-kaz tal-lum, il-partijiet qablu li fil-kambjali jaghtu valur f`Liri Maltin. Ironikament ghalkemm fil-paragrafu 1 tar-rikors, Joseph Zammit jeccepixxi n-nullita`, fil- paragrafu markat 4 tar-rikors, isostni li l-intimat ma kellux imexxi kontra tieghu ghal wahda mill-kambjali, ghaliex skond ir-rikorrent, huwa hallas dik il-kambjali. Indipendentement mill-kwistjoni ta` fatt jekk attwalment kienx hallas inkella le, jekk il-kambjala kienet nulla, ghalfejn allura hallas ?

Dan apparti, il-Qorti ma tara propju l-ebda konflitt bejn id-disposizzjoni tal-Kap 13 u r-Regolament tal-UE citat mir-rikorrent. Huwa evidenti illi bl-applikazzjoni tad-disposizzjonijiet tal-Kap 13 se jkun rispettat dak li ried jikseb ir-Regolament tal-UE. Dak li qeghdin iwasslu ghalih id-disposizzjonijiet tal-Kap 13 huwa li l-hlas tal-kambjala jsir fil-munita li tkun *legal tender at maturity*. Dak li jrid jikseb ir-Regolament huwa li

kwalsiasi hlas isir bil-munita li tkun *legal tender*. B`hekk tkun skansata incertezza u instabilita` finanzjarja fil-pajjizi membri tal-UE li mhux kollha ghandhom l-Ewro bhala l-munita taghhom. Mhuwiex korrett ir-rikorrent meta jazzarda jafferma li d-disposizzjonijiet tal-Kap 13 jikkontrastaw mat-Trattat tal-UE u mar-Regolament tal-UE minnu citat. Id-disposizzjonijiet tal-Kap 13 u tar-Regolament tal-UE huma ntizi li jiksbu ghan ahhari u cioe` li finalment *at maturity* il-kambjala tithallas fil-munita li tkun *legal tender*, hija x`hin l-munita li kienet indikata fil-kambjala. Anke ghalhekk il-Qorti tghid li l-kambjali mhumiex nulli. Interpretazzjoni xort`ohra tkun tfisser distorsjoni ta` dak li jridu jiksbu r-Regolamenti tal-UE. Minn interpretazzjoni legalistika, rigida u maqtugha mar-realta` ta` kuljum tar-Regolament m`ghandux jibbenefika min jittenta jevadi mill-obbligi tieghu fil-kuntest tal-kambjali - huma x`hinuma l-lanjanzi kontrattwali li pprecedew jew segwew l-hrug tal-kambjali.

**Il-Qorti qeghda ghalhekk <u>tirrespingi</u> dak li qed jinghad mir-rikorrent fil-paragrafu markat 1 tar-rikors.**

**Il-Qorti sejra tghaddi issa ghall-konsiderazzjoni tal-lanjanzi l-ohra tar-rikorrent skond il-paragrafi markati 2, 3 u 4 tar-rikors.**

Kif ifisser ir-rikorrent fin-nota ta` sottomissjonijiet tieghu, dawn il-lanjanzi partikolari jirrigwardaw allegata inadempjenza kontrattwali da parti tal-intimat ; apparti li fil-kaz ta` kambjala minnhom isostni li hlas diga` sar (ara l-paragrafu markat 4).

Kuntrarjament ghal dak li jsostni r-rikorrent, il-Qorti f`dan l-istadju **<u>m`ghandhiex</u>** tinvestiga dawn it-tip ta` lanjanzi. Taghmel riferenza ghas-sentenza li tat il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fil-25 ta` Frar 2004 fil-kawza "**<u>Integrated Electronics Limited vs Goldkraft Limited</u>**". Hemm inghad hekk :-

*Issa skond il-prattika kostanti ta` dawn il-Qrati l-hlas tal- kambjali li tkun accettata u skaduta tigi dejjem ordnata meta l-eccezzjonijiet ikunu tali li jehtiegu indagini twila, salvi l-kawteli li l-Qorti jidhrilha opportuni, kompriz li tirrizerva l-*

*eccezzjonijiet ghal kawza separata. Jibqa` pero` vitali l-Art 198 (2) tal-Kodici tal-Kummerc illi l-kundanna ghall-hlas tal-kambjala, bil-garanzija jew minghajrha, m`ghandhiex tkun imdewma. Hekk allura l-Qorti ma tistax, ad exemplum, tinkariga periti bl-inkariku li jezaminaw eccezzjoni tax-xorta bhal dik sollevata f`din l- istanza. Ara "***Professur Carlo Mallia noe –vs- Mariano Accarino noe",*** *Appell Kumm, 22 ta` Novembru 1937.*

*Kif inghad fil-kawza "***Francesco Zammit nomine –vs- Paolo Scicluna noe",*** *Qorti tal-Kummerc, 4 ta` Frar 1907 (Vol XX pIII p15) - u dan kien kaz fejn kien qed jigi allegat li l-merce mixtrija kienet iddeterjorat – "secondo la pratica di questi tribunali il pagamento di una cambiale accettata e scaduta viene sempre ordinato quando le eccezzioni siano tali da richiedere lunga idagine sotto quella cautela che il prudente arbitrio della Corte credesse opportuno".*

*Dan it-taghlim sekolari baqa` jigi sostenut anke fiz-zmenijiet recentissimi, kif manifest fis-sentenzi fl-ismijiet "***United Acceptances Finance Limited –vs- Mario Grech pro et noe",*** *Appell, 6 ta` Ottubru 2000 u "***Jet-Tech Limited –vs- Marcon Coppola",*** *Appell, 13 ta` Marzu 2001, fost bosta ohrajn.*

*Dan huwa anke evidenti minn din is-silta mehuda mid-decizjoni fl-ismijiet "***Adrian Busietta noe –vs- Marco Attard noe",*** *Appell, 9 ta` Frar 2001 :-*

*"Issa filwaqt li hu minnu illi 'l-eccezzjonijiet personali huma opponibbli ghall-possessur tal-kambjali li qed jitlob il-hlas taghha u jistghu jirrigwardaw tant l-origini tal-obbligazzjoni kemm l-ezercizzju taghha' (Vol* ***XXX pIII p499),*** *u dan a vantagg tal-konvenut kjamat biex jonora l-kambjala, kellu jkun ovvju li l-oggett tal-azzjoni kambjarja ma setax u ma ghandux ikun konfuz mal-oggett li kien jifforma l-obbligazzjoni naxxenti minn negozju u li ta lok ghal hrug taghha. Il-ligi stess proprju bl-insistenza fuq l-awtonomija ta` l-azzjoni kambjarja u bil-limitazzjoni tal-eccezzjonijiet li setghu jinghataw ghaliha, kif ukoll bl-insistenza fuq l-ispeditezza fid-determinazzjoni tal-azzjoni, kienet tiddistingwi u ssalva n-negozju originali li jibqa` soggett ghal verifika u kontestazzjoni, anke wara li tkun giet onorata l-kambjala b`konsegwenza tal-ezekuzzjoni tas- sentenza fuqha moghtija."*

**<u>Provvediment</u>**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda tirrespingi bhala nfondata, fl-ambitu tal-Art 253(e) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta` Malta, l-opposizzjoni tar-rikorrent ghall-ezekuzzjoni tal-kambjali in kwistjoni, u ghalhekk qeghda tiddikjara illi m`ghandux ikun sospensjoni tal-ezekuzzjoni**

**tal-istess kambjali. Jibqa` mpregudikat id-dritt tar-rikorrent li permezz ta` azzjoni "*ad hoc*" jitlob rimedju ghal dak li qieghed jallega fil-paragrafi 2 sa 4 tar-rikors. L-ispejjez kollha tal-procediment tal-lum jithallsu mir-rikorrent Joseph Zammit.**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------